

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0045/08

skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Raül Romeva i Rueda, Angelika Beer u Hiltrud Breyer fisem il-Grupp Verts/ALE, Ana Maria Gomes fisem il-Grupp PSE, Renate Weber fisem il-Grupp ALDE, Feleknaš Uca fisem il-Grupp GUE/NGL, Piia-Noora Kauppi u Jana Hybášková fisem il-Grupp PPE-DE, Ġirts Valdis Kristovskis fisem il-Grupp UEN

lill-Kunsill

Suġġett: Ir-Riżoluzzjoni 1325 tal-UNSC - l-irwol tas-sessi fil-bini tal-paċi - implimentazzjoni fil-livell ta' l-UE

Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (UNSCR) 1325, bħala l-ewwel riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà li tindirizza b'mod speċifiku l-impatt tal-gwerer fuq in-nisa, u l-kontribut tan-nisa għas-soluzzjoni tal-kunflitti u għall-paċi sostenibbli, tappella biex jiġu kkunsidrati l-ħtiġiet speċifiċi tan-nisa f'sitwazzjonijiet li jsegwu kunflitti u għal rappreżentanza akbar tan-nisa fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Għalhekk:

1. Kif bi ħsiebu jiżgura l-Kunsill l-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tiegħu tat-13 ta' Novembru 2006 fejn stieden lill-Istati Membri biex jaħtru aktar kandidati nisa għall-inkarigi tas-CFSP/ESDP li ġejjin (inklużi l-karigi ta' Rappreżentanti Speċjali u tal-Kap tal-Missjoni), u biex jiġu applikati strateġiji ta' reklutaġġ attivi u jiġu identifikati u indirizzati ostakoli speċifiċi li jrażżnu l-parteeipazzjoni tan-nisa?
2. Ħa ħsieb is-Segretarjat tal-Kunsill ir-reviżjoni ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri kif imħabbra fid-dokument tas-Segretarjat tal-Kunsill lid-delegazzjonijiet (dok 11932/2/05 Rev2) u meta sejjer ikun mgħarraf il-PE dwar ir-riżultati?
3. Kif implimenta l-Kunsill ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-"Rapport Finali dwar il-Ħidma tas-Sessi fil-EUFOR RD Kongo, 15 ta' Diċembru 2006" inklużi l-ħatriet ta' konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fit-tliet livelli ta' Brussell, tal-KĠO u tal-KĠE; li l-konsulenti dwar is-sessi ma jkollhomx ħatriet doppji; u l-provvediment ta' taħriġ dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi qabel l-ingaġġ?
4. X'kienu r-riżultati ewlenin u t-tagħlimiet li ħarġu mill-kwestjonarju li ntbagħat lill-Istati Membri kollha fl-2006 dwar il-miżuri nazzjonali tagħhom fl-oqsma ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u s-sigurtà?
5. Kif għandu ħsieb il-Kunsill li jiżgura s-sehem attiv tal-gruppi lokali tan-nisa fil-konsultazzjonijiet u fin-negożjati għall-paċi u fil-proċessi ta' rikonċiljazzjoni kif iddikjarat fil-lista ta' kontroll tal-PESD?

Tressiq: 18.04.2008

Mibgħuta: 21.04.2008

Skadenza: 12.05.2008